# FUQ IL-MEWT TA'
# Dr. F. W. MAEMPEL, M.D., M.L.A.

*Ta'* VINCENT UNGARO

Il-bieraħ ħaj; il-lum mhux iżjed magħna:
— Din kienet telfa ma titqiesx għalina.—
Kien ilu snin u snin ir-raħal tagħna,
Kien ilu żmien iħobbna u jdur bina.

Kliemi mhux ġej mill-ħolm, mhux kliem il-għana;
Kliemi biki ta' qalb għal qalb ħanina
Li xxejnet kienet biex ilkoll tarana
Meħlusa minn kull hemm li d-dinja 'ttina.

Fommu taz-zokkor; lil kulħadd ikellem.
Kliemu ta' faraġ għal min jaf jisiltu.
Igħaddi mit-toroq lil kulħadd isellem.

Iżur il-fqir u l-għani fid-djar tagħhom;
Dejjem tarah biex igħin, biex jagħmel ħiltu,
U jibqa' bla ma jehda jieqaf magħhom.

Qormi, 10. 12. 48.